

# Il-Kappella ta' Santa Marija "Ta' Ċeppuna" fil-Marsa

**Is-Sur Roderick Busuttil**
**www.kappellimalta.com**

F'pajjiżna nsibu numru sostanzjali ta' kappelli ddedikati lil Marija Santassima taħt diversi titli. Imma bla dubju l-iktar titlu popolari ma' dak li għandu x'jaqsam ma' dediki ta' Kappelli Marjani hu dak tal-Assunzjoni jew it-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija. F'dan l-artiklu sejrin nitkellmu fuq il-Kappella ta' Santa Marija "Ta' Ċeppuna" fil-Marsa li forsi ftit jafu biha.

Bejn il-Marsa u Ħal Qormi, insibu l-Marsa Sports Club u f'dik in-naħa ta' bejn il-korsa tal-*golf* u dik tal-ground tal-*cricket* hemm kappella żgħira ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Santa Marija, magħrufa man-nies li jmorru l-Marsa Sports Club bħala "Ta' Ċeppuna".



## Oriġini tal-Kappella

Din il-kappella, għalkemm żgħira, għandha wkoll oriġini antiki ħafna. Hi wkoll mlaqqma "ta' Ċeppuna", għal post li tinsab mibnija fih. L-istoriku Annibale Preca jgħid li l-kelma 'Ċeppuna' tfisser 'xi ħaġa moħbija fid-dlam'.

L-art li fuqha tinsab il-kappella għaddiet minn żminijiet antiki minn bosta jdejn permezz ta' xiri, ta' ċens jew ta' kera jew wirt. L-għotja tagħha kienet saret fl-1440 mir-Re Alfonso ta' Spanja lil Pietro Busco bħala premju għas-servizz militari tiegħu. Iżda meta miet Busco, l-artijiet reġgħu marru għand il-Kuruna.

Fl-1469, ir-Re ta bħala favur l-artijiet lil Giovanni de Nava, ereditarju Kastellan ta' Alcade tal-Kastell ta' Sant' Anġlu, u fl-istess ħin ikkonferma t-titlu tan-nobbiltà tiegħu bħala l-Baruni tal-Marsa.

Il-Kommendatur Gian Franġisk Abela fil-ktieb tiegħu *'Descrizione di Malta e Gozo Isole nel Mare Siciliano'*, jgħid li din il-knisja diġà kienet teżisti fl-



1489. F'dan iż-żmien l-artijiet tal-Marsa kienu jiffurmaw parti mill-fewdu li kien ta' Giovanni de Nava u l-werrieta tiegħu.

Achilles Ferres fil-ktieb *tiegħu 'Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo'* jirreferi għal din il-kappella bħala antika ħafna u li nbniet madwar l-1500. Aktarx li nbniet mill-kaċċaturi li kienu jiffrekwentaw dawk l-inħawi, peress li dak iż-żmien il-Marsa Sports Club kienet biċċa art tajba ħafna għall-kaċċa.

## Deskrizzjoni tal-Kappella

Is-saqaf tal-kappella jistrieħ fuq tliet arkati, u bejn kull arkata hemm tliet ringieli ta' xorok li jiffurmaw is-saqaf. Il-paviment tal-art hu magħmul minn ċangaturi kbar, li hu l-metodu ta' ċangaturi li kienu jużaw f'dawk iż-żminijiet. Fil-kappella hemm altar wieħed biss li hu magħmul mill-ġebla tal-franka. Dan qiegħed merfugħ targa waħda mill-art. Karattru ieħor tal-altar kienet il-bradella ta' fuq l-altar li sfortunatament matul iż-żminijiet kienet tħassret u ma baqgħetx iktar teżisti.

Minn ritratti ta' din il-kappella, naraw li mal-ħajt tal-altar kien hemm il-kwadru titulari ddedikat lil Santa Marija. Dawk li jiftakruh jgħidu li kien tassew sagru u artistiku. Dan il-kwadru titulari kien jirrappreżenta lil Santa Marija, lil San Pawl, lil San Ġwann Battista u lil San Nikola ta' Bari, flimkien ma' żewġ putti.

## Il-Korp tal-Gran Mastru L'Isle Adam f'din il-Kappella

Episodju partikulari fl-istorja ta' din il-kappella hu relatat mal-ewwel Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, Filippe Villiers de L'Isle Adam, li miet fit-23 ta' Awwissu 1534 fil-Kunvent ta' Santa Marija di Ġesù, barra mill-ħitan tal-Imdina. Minn hemm ħaduh lejn il-Birgu. Iżda huma u sejrin bih qiegħdu l-ġisem mejjet mistrieħ matul il-lejl f'din il-kappella ta' Santa Marija "ta' Ċeppuna" fil-Marsa. Imbagħad minn hemm ħaduh lejn ta' Ċelju, fejn qegħduh fuq barkun u ħaduh lejn il-Birgu bil-baħar. Dan hu kapitlu ieħor storiku li din il-kappella għandha, ġrajjiet ta' valur storiku li ma għandhomx jintesew jew ikunu qatt abbandunati.

## Fi żmien l-aħħar Gwerra Dinjija

Fi żmien l-aħħar gwerra dinjija l-inħawi kollha tal-Marsa Sports Club kienu taħt il-forzi Ingliżi u għalhekk sofra ukoll minn xi attakki mill-ajru. Matul din il-gwerra din il-kappella ġiet milquta mill-bombi tal-għadu u ġġarfet, iżda ftit wara reġgħet inbniet.

Din inbniet fuq l-istess perdament tal-qadima, u fuq l-istess stil kif kienet mibnija qabel.

## Restawr fil-Kappella

Matul is-snin kemm it-temp kif ukoll elementi oħra għamlu ħafna ħsara lill-bini tal-kappella u kienu biss il-*Marsa Sports Club* li ħadu ħsieb jagħmlu manutenzjoni fejn meħtieġ u żammewha 'l bogħod mill-vandaliżmu ta' xi nies irresponsabbli. Iżda għal xi żmien din il-kappella kienet ġiet minsija, mitluqa u abbandunata, u f'dan il-perjodu saritilha ħafna ħsara.

Din il-kappella ġiet irrestawrata mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura. Dan ix-xogħol ta' restawr sar fl-2006, u fit-28 ta' Diċembru tal-istess sena ġiet imbierka minn Patri Manwel Abela, ex-Kappillan tal-Parroċċa tas-Santissma Trinità.

Fl-aħħar ta' dan l-artiklu nixtieq insemmi lis-Sur Walter Glynn li għal ħafna snin kien jieħu ħsieb din il-kappella u stinka kemm felaħ biex din ġiet irrestawrata. Għalkemm is-Sur Glynn illum m'għadux magħna wieħed irid ifakkar il-memorja tiegħu u jagħtih mertu għal kulma għamel b'risq din il-kappella.

***Għal iktar informazzjoni fuq Kappelli u knejjes żgħar tistà żżur is-sit www.kappellimaltin.com fejn f'dan is-sit wieħed jistà jsib ħafna informazzjoni u ritratti ta'kappelli li nsibu f'pajjiżna. Il-persuni li huma wara din l-inizjattiva huma Noel Ciantar (webmaster), Roderick Busuttil, Joseph Brincat, Caroline Busuttil u Anthony M. Brincat. Għal iktar informazzjoni tistà tikteb imejl fuq webmaster@ kappellimaltin.com.***